MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 420/1997/1

Yvonne Azzopardi
vs
Bank of Valletta Ltd u b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2001 gie korrett ghal Bank of Valletta p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn l-10 ta' Mejju, 1988 u l-15 ta' Mejju, 1995, sofriet ingustizzji b'konsegwenza ta' distinzjoni ngusta, eskluzjoni u preferenzi, meta nghataw promozzjonijiet bejn iz-zewg dati hawn fuq msemmija.

Hija dejjem ghamlet ix-xoghol kollu moghti lilha b'onesta' u diligenza.

Minhabba din id-distinzjoni diskriminatorja, xi mpjegati li dahlu l-Bank maghha, jew warajha, issa jokkupaw posizzjonijiet sal-grad ta' General Managers.

Ghaldaqstant talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tkun inkluza fil-grad ta' Senior Manager l-istess bhal kollegi li dahlu l-Bank maghha, jigifieri fis-16 ta' Marzu, 1970, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilha kumpens ekwivalenti ghad-differenza fil-paga u 'allowances' mill-1 ta' Mejju, 1988 (meta nghataw l-ewwel promozzjonijiet wara li kienet lahqet il-grad ta' Manager II), liema somma ma taqbisx il-Lm5000 kif permess minn dan l-Att.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi fid-29 ta' Awissu 1997, ir-rikorrenti Yvonne Azzopardi ipprezentat rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi ssottometta li hi kienet ilha hafna mal-Bank u dejjem ghamlet ix-xoghol kollu taghha b'onesta` u diligenza.

Ftit wara li nbidel il-Gvern, fl-1987, inghataw promotions lill-hafna nies pero` hija ma haditx promotion peress li saret diskriminazzjoni kontra taghha.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant talbet li tinghata rimedju billi jigi ordnat illi tkun inkluza fil-grad ta' Senior Manager l-istess bhal kollegi li dahlu l-Bank maghha, jigifieri fis-16 ta' Marzu, 1970 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilha kumpens ekwivalenti ghad-diferenza fil-paga u allowances mill-1 ta' Mejju 1988 liema somma ma taqbisx il-Lm5000 kif permess mill-ligi.

Illi ghandu jinghad li l-Bank of Valletta Limited qatt ma ezercita promotions li jiddiskriminaw kontra Yvonne Azzopardi in kwantu kif huwa normali hafna go post tax-xoghol ghal Bank of Valletta mhux ma kull promotions exercise jigu promossi l-istess nies u dan skond il-Ftehim Kollettiv huwa prerogattiva tal-Management tal-Bank.

Illi mir-rikors taghha stess, l-istess Yvonne Azzopardi ma allegatx fl-ebda waqt li nghataw promotions lil nies anqas kwalifikati minnha u ghalhekk il-Bank ma jifhimx liema pregudizzju qiegheda tallega l-istess Yvonne Azzopardi.

Illi l-Artiklu 6(1) ta' l-Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn il-1987 u l-1995, jirrizulta dan li gej.

***It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza <u>indebita</u> li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi...........***

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrenti la saritilha ingustizzja u l-anqas bl-ebda mod ma saritilha xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita, tul l-impeg taghha mal-Bank of Valletta Ltd.

Illi ghaldaqstant, l-intimati Bank of Valletta, talbu lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
<u>Ir-rikorrenti</u> pprezentat affidavit li minnu jirrizulta illi fis-16 ta' Marzu 1970 kienet dahlet mal-Bank of Valletta. Matul is-snin fix-xoghol taghha mal-Bank hadmet f'diversi branches u kellha diversi duties. Bdiet tahdem bhala clerk izda l-promotions taghha kienu 'delayed' ghalkemm kellha rapporti favorevoli. L-ewwel promotion taghha kien fl-1 ta'

Settembru 1978 meta minn Clerk saret Supervisor I, li waqt li nies ohra li kien dahlu maghha fil-Bank fl-istess zmien kienu hadu promotion ferm qabilha.

In segwitu fl-1 ta' Ottubru 1983 kienet saret Supervisor II u fl-1 ta' Dicembru 1985 giet promossa ghall-Assistant Manager. Fl-1 ta' Marzu 1987 kien hemm ri-organizzazzjoni b'rizultat ta' ftehim kollettiv bejn Il-Bank u l-Union u fuq bazi ta' seniority kienet giet promossa ghall-Manager 'by seniority'. Ftit wara fl-1 ta' Awissu ta' 1987 saret Manager II liema grad ghadha tokkupa sal-lum.

Minn Awissu 1987 sal-lum ma hadet ebda promotion ohra minkejja illi fl-Annual Reports taghha dejjem kien hemm recommendations posittivi dwarha ghal promozzjoni. Ghalhekk hi sostniet illi kien haqqha promozzjoni specjalment ghar-rank li jmiss ta' Senior Manager. Sostniet li mir-rapport annwali jidher car li tissodisfa l-kriterji l-ohra ta' merit u aptitude u l-kriterji l-ohra soliti fi promotion ta' din in-natura.

Sostniet li kien hemm numru ta' juniors taghha li kellhom promotions aktar accellerati minn taghha u llum jokkupaw gradi ghola minnha. Hi semmiet lil Paul Bonici Mallia, George Cardona Schranz, Martin Azzopardi, Alfred Zammit McKeon, Mario Grima, Dennis Busuttil, Raymond Lanzon, Henry Mifsud u Alfred Debattista. Ukoll sosstniet illi hemm numru ta' nies li ghalkemm ghandhom l-istess seniority bhalha llum ghandhom grad ferm aktar gholi minn taghha u hawnhekk semmiet lil Maurice Abela, Joe Muscat, Mario Pullicino, Igino Xuereb u Raphael Vassallo. Semmiet lil Tonio Paris u Joe Formosa li dahlu l-Bank warajha w illum jokkupaw posizzjoni ghola minn taghha, u cioe' zewg u tlett gradi rispettivament.

Meta wiehed ihares lejn l-Annual Performance Appraisal ta' Novembru 1985 jirrizulta li l-general assessment fuqha kien very good u li hi kunsidrata bhala "highly efficient and well organised. She delegates work well and maintains discipline without being authoritarian" kif jirrizulta a fol 24.

A fol 26 hemm l-Annual Appraisal Report datat 30 ta' Settembru 1986 u fil-general assessment hija kkunsidrata bhala very good. U jintqal li "Yvonne supervises the foreign section of the Branch" u that she has proved to be a fast learner, eager, full of inictiative, well disciplined and shows good managerial qualities".

A fol 28 hemm l-Annual Performance Report datat 30 ta' Settembru 1987 fejn ukoll ikkunsidrata fil-general assessment bhala very good u li "she is efficient and full of concrete ideas aimed at improvements in the system. She is an asset to the Bank".

A fol 30 jinstab l-Annual Performace Appraisal Report datat 31 ta' Ottubru 1988 fejn ukoll bhala general assessment hija moghtija very good u hemm imnizzel "She had ideal Managerial qualities. She is experienced, competent in most matters and well organised and disciplined in her ways. She is an asset to the Bank".
A fol 32 jinstab l-Annual Performace Appraisal Report datat 19 ta' Gunju 1989 fejn ukoll bhala general assessment hija mnizzla very good u "She has shown that she possesses the necessary mettle to confront administrative duties which she performs to the letter. I consider her a highly competent person in this specific job".

Wara dan ir-rapport a fol 34 jinstab l-Annual Performace Appraisal datat 30 ta' Settembru 1996 fejn ukoll fil-general assessment huwa very good u kkunsidrata bhala "Exercising discipline in the process in a mature and cautious manner with all parties concerned".

Fir-rapport tat-30 ta' Settembru 1997 a fol 36 tal-process huwa very good ukoll. Li ukoll fih promotion recommended.

A fol 44 hemm l-iskeda tal-grade structures. A fol 45 hemm l-iskeda tas-salarji effettiva mill-1 ta' Jannar 1996.

Xehed <u>Alfred Pace</u> Manager fil-Personnel Department li pprezenta a fol 50 u 51 is-salary scales. Semma li llum il-

gurnata hemm Manager B, Manager A u Senior Manager u li Manager A jikkompredi dawk li qabel kienu Managers II u III li gew assimilati. Tibda bhala manager B u tispicca bhala Manager A. Ir-rikorrenti hija Manager A u dan skond l-agreement ta` Dicembru 1996.

Esebixxa ukoll Dokument iehor “APB” li jibda a fol 52 sa 56 tal-process li dana fih id-diversi ismijiet ta` ufficjali tal-bank; meta dahlu l-bank, xi kwalifiki ghandhom u l-grad kif evolva matul is-snin. Dan riferibbilment ghal Yvonne Azzopardi, Paul Bonnici Mallia, George Cardona Schranz, Raymond Lanzon, Henry Mifsud, Alfred Debattista, Joseph Muscat, Mario Pullicino, Igino Xuereb, Raphael Vassallo, Pio Vella, Tonio Paris u Joe Formosa.

Jitkellem ukoll fuq id-date of employment u qualifications. Alfred Pace semma li fil-fatt ir-rikorrenti hadet l-ewwel promozzjoni taghha fl-1 ta’ Settembru 1978 meta minn Clerk saret Supervisor 1. Sostna li l-Bank qatt ma ezercita’ diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti fl-ghoti tal-promozzjonijiet. Sostna li r-rikorrenti kienet saret Supervisor II fl-1 ta’ Ottubru 1981 u mhux fl-1983, kif ddikjarat hi fl-affidavit taghha. Inoltre zied li fl-1 ta’ Jannar 1996 ir-rikorrenti eventwalment kienet hadet promozzjoni ohra u cioe` dik ta’ Manager III li llum tissejjah Manager A u ghalhekk dan ma jaqbilx ma’ dak li hija ddikjarat li mill-1987 sal-lum hija ma kienetx hadet promozzjoni ohra.

Zied jispjega li r-rikorrenti bejn Marzu 1987 u Lulju 1987 kienet hadet zewg promozzjonijiet u cioe`dik ta’ Assistant Manager ghal Manager I fl-1 ta’ Marzu u dik minn Manager I ghal Manager II fl-1 ta’ Awissu. Dawn il-promozzjonijiet ir-rikorrenti hadithom meta fl-amministrazzjoni statali kien hemm gvernijiet ta’ twemmin politiku differenti, bi prova li l-intimat ma kienx qed iwettaq xi diskriminazzjoni a bazi ta’ twemmin politiku.

Kompla jaghmel riferenza ghal fatt li r-rikorrenti semmiet li l-juniors taghha hadu promozzjonijiet b’mod aktar accellerat aktar minnha u llum jokkupaw grad ta’ impjieg akbar minn taghha. Izda semma li ghalkemm ir-rikorrenti semmiet lil Paul Bonnici Mallia, Martin Azzopardi u Dennis

Busuttil, fil-fatt dawn it-tlett persuni ma jokkupawx gradi aktar mir-rikorrenti, kif tasserixxi hi.

Kompla jghid ukoll illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi Maurice Abela, Joseph Muscat, Mario Pullicino, Igino Xuereb u Raphael Vassallo ghandhom grad ferm aktar ghola, mhu veru xejn ghax fil-fatt dawn jokkupaw ir-rank ta' "Senior Manager" li huwa grad wiehed biss ghola mill-grad li tokkupa r-rikorrenti llum.

Dwar il-kumment tar-rikorrenti li hi dejjem kellha rakkomandazzjonijiet pozittivi il-Bank jaqbel ma' dan u infatti jidher car ghax hija tokkupa wiehed mill-gradi l-izjed gholjin ta' Manager dak ta' Manager "A" jigifieri grad wiehed biss anqas mill-ghola grad cioe' dak ta' Senior Manager. Wara dawn il-gradi fil-Bank hemm imbaghad dawk il-gradi ezekuttivi. U abbazi ta' dan il-Bank jichad kategorikament li huwa ddiskrimina kontra r-rikorrenti.

Sostna illi il-Bank barra s-seniority jikkunsidra wkoll aptitude, merit, expierence and qualifications.

Joseph Gatt ipprezenta affidavit fejn semma li hu kien jokkupa l-kariga ta' General Manager Strategy fil-Bank of Valletta u parti mir-responsabilitajiet tieghu jaqghu ir-rizorsi umani tal-Bank kollu. Fil-Bank normalment jinholqu numru ta' promozzjonijiet u dan minhabba l-fatt li jonqsu n-nies kif ukoll minhabba li n-numru ta' l-impjegati tal-Bank possibilment jizdied minn zmien ghal zmien. Promotions board generalment ikunu komposti minn ufficcjali gholja tal-Bank li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant Managers jew Senior Managers. Madankollu wiehed irid jghid li ma tezisti ebda regola miktuba dwar kif ghandu jkun kompost il-Promotions Board. Il-Promotions Board huwa marbut li jevalwa u jassessja l-kandidat li jkunu elegibbli ghal dak l-ezercizzju partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-ftehim kollettiv. Il-klawsola rilevanti hija "when effecting promotions the Bank should be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority not necessarily in that order".

Semma li kriterji bhal experience f’kaz ta’ ezercizzju ta’ promozzjonijiet ta’ gradi gholjin bhal dawk ta’ Senior Manager u aktar ‘il fuq il-weighting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghal qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterji ta’ qualifications jinghata weighting aktar gholi fl-ezercizzju ta’ promozzjonijiet ghal gradi l-isfel bhal per ezempju Signotary B u Signatory A. F’kull ezercizzju allura wara li l-menbri tal-Bord jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-ftehim kollettiv, kull membru separatament jifli l-personal files ta’ kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji.

Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jista jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jista’ jkollu fuq il-kandidat. Dwar Qualifications u Seniority ikunu diga’ gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m’hemm l-ebda suggettivita`.

Il-Bank mhux dejjem obligat jaghmel Interview izda spiss dan isir. Generalment dawn ikunu f’kazi ta’ promozzjonijiet ghal gradi t’isfel, mhux ghall-gradi, per ezempju, ta’ Manager A u ‘l fuq. L-interview sservi sabiex tghin aktar lill-membri tal-Promotions Board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta’ promozzjonijiet ghal-gradi gholjin dan ma’ jkunx hemm bzonnu peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board jkunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ghall-Interview. Wara li jinghataw il-marki mill-Promotions Board tohrog il-Final Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni ta’ dawk il-kandidati li jidhru fil-lista.

Jghid illi s-sistema prezenti ta’ kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kienetx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan propju sabiex issir dejjem aktar trasparenti. U kien f’Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-Bank kien beda jadotta s-sistema l-gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir

ezercizzju ta’ promozzjonijiet u imbaghad wara jsiru l-Interviews.

In kontro-ezami semma li lir-rikorrenti dam jahdem maghha ghal xi ghaxar xhur ghal habta ta’ l-1973. Hu semma li dak iz-zmien hu kien ghadu diehel il-bank u hi kienet gja hemmhekk. It-tnejn kienu jahdmu bhala skrivani. Fil-fatt hi kienet dahlet il-bank xi sentejn, tlieta qablu. Hu kien jikkunsidraha bhala skrivana tajba. Illum il-gurnata hu spicca mill-Bank izda spicca fil-grad ta’ General Manager.

Lir-rikorrenti meta kien ikun fil-Promotions Board kien jassessjaha bhala average u r-rikorrenti kienu ikollha assessments favorevoli anke ghal skop ta’ promotion izda din kienet tkun fil-maggoranza tal-kazi tal-managers li kienu jirrakkomandawhom in-nies. Ma ftakar xejn negattiv fil-konfront taghha hlief certu bitterness wara li ma haditx il-promotion. Managers nisa ftit kien hemm ghalkemm numru zghir. Elvia George kienet gradwata. Nisa li jaslu ghal dak il-livell kienu jkunu ftit u dana minhabba l-fatt li dawk iz-zmenijiet hafna minn nisa li kienu jkunu dahlu mal-bank kienu jkunu spiccaw ghax kienu jkunu zzewwgu u hargu. Illum il-gurnata s-sitwazzjoni hija differenti. Gradi ghola minn tar-rikorrenti nisa hemm Patricia Zarb fil-Legal Department u ghandha r-rank ta’ Senior Manager u Elvia George li hija accountant gradwata u ghandha l-istess grad ta’ Senior Manager.

Hu asserixxa illi barra seniority u qualifications hemm ukoll il-kriterji ta’ aptitude, experience u merit, waqt li l-ewwel tnejn huma bazikament oggettivi, l-ahhar tlett elementi jridu jigu assessjati. Hu accerta lit-Tribunal li zgur li ma hemmx nies li huma inferjuri ghar-rikorrenti jew ugwali ghaliha f’dawn it-tlett kriterji li qeghdin izjed imlahhqin minnha.

**KONKLUZJONIJIET:**

It-Tribunal sejjer jibda biex dwar l-aspett ta’ seniority jikkwota mil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta’ Ottubru, 1998 fejn it-Tribunal qal:

“Issa fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b’mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f’xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f’dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issa l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat li bejn Mejju 1988 u Mejju 1995 persuni li dahlu maghha jew warajha hadu promozzjonijiet aktar accellerati minnha. Hi talbet li tinghata rank ta’ Senior Manager. Il-Kapitolu 394 fl-Artikolu 5 (4) tieghu jghid dan il-kliem:

“Dan l-Att m’ghandu jkun japplika ghall-ebda att jew ommissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta’ Mejju 1987 jew wara l-15 ta’ Mejju 1995.”

U hawnhekk huwa l-izball principali tar-rikorrenti li ddecidiet li tinkludi ghall-evalwazzjoni tat-Tribunal il-perjodu 1969 data li fiha dahal mal-bank Igino Xuereb u tibqa’ sejra sal-1996 u oltre. It-Tribunal ghandu l-obbligu li jezamina ingustizzji matul Mejju 1987 sa Mejju 1995 u jista’ biss jara snin precedenti u sussegwenti biss bhala konferma ta’ prova ta’ fatti indikati. Il-promozzjonijiet li ttiehdu mill-persuni indikati mir-rikorrenti precedenti ghad-9 ta’ Mejju 1987 u sussegwenti ghall-15 ta’ Mejju 1995 jezorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal. It-Tribunal jaghmilha cara li peress illi l-Ligi taghtih il-poter skond l-Artikolu 5 (4) tal-Kap 394 li jezamina l-promozzjonijiet f’’dak il-perjodu u mhux precedentement, hu bilfors ikollu jassumi stampa li kienet dak iz-zmien, ghax l-ingustizzji li jidhru li nghataw iridu jirrizultaw dak iz-zmien.

Ir-rikorrenti f’Mejju 1987 kienet tokkupa l-pozizzjoni ta’ Manager 1. Saret Manager II fl-1 ta’ Awissu 1987 u

damet f'din il-posizzjoni sal-31 ta' Dicembru 1995. Fl-1 ta' Jannar 1996 lahqet il-kariga ta' Manager A. Dan ifisser li bejn Mejju 1987 u Mejju 1995, hi hadet promozzjoni wahda biss u cioe` li minn Manager I lahqet Manager II ghalkemm hi kienet ilha biss li lahqet Manager I fl-1 ta' Marzu 1987.

It-Tribunal ghamel ukoll ezami komparattiv tal-kwalifiki tan-nies li semmiet ir-rikorrenti. Fil-fatt jirrizulta illi kollha kienu bejn wiehed u iehor kwalifikati daqs ir-rikorrenti hlief ghal Dennis Busuttil, Pio Vella u Henry Mifsud. Izda jinghad illi Dennis Busuttil bhala stat ta' fatt dahal jahdem xahar qabel ir-rikorrenti waqt illi Pio Vella dahal l-istess data waqt li Henry Mifsud dahal fil-21 ta' Ottubru 1974. Bhala seniority meta dahlu jahdmu l-ewwel darba mal-Bank irrizulta illi Igino Xuereb dahal fid-9 ta' Gunju 1969 u ghalhekk ferm qabel ir-rikorrenti waqt illi fis-16 ta' Marzu 1970 flimkien mar-rikorrenti dahlu wkoll Maurice Abela, Joseph Muscat, Mario Pullicino, Raphael Vassallo u Pio Vella waqt li George Cardona Schranz dahal fl-1 ta' Dicembru 1970, Tonio Paris u Joe Formosa dahlu fit-2 ta' Awissu 1971 waqt li Paul Bonnici Mallia dahal fil-11 ta' Settembru 1972 u Raymond Lanzon u Henry Mifsud dahlu fil-21 ta' Ottubru 1974.

Jinghad ukoll illi George Cardona Schranz, Tonio Paris, Joseph Formosa, Paul Bonnici Mallia u Raymond Lanzon huma certament aktar ikkwalifikati mir-rikorrenti. Naturalment il-kwalifiki hija wahda mill-kriterji ghaliex possibilment is-seniority tista' ma tigix iktar meqjusa b'mod rigidu u dan specjalment meta l-partijiet koncernati jkunu dahlu fi zmienijiet relativament vicini ta' xulxin u cioe` ftit xhur jew snin bejniethom.

Issa t-Tribunal ezamina wkoll kemm il-promozzjonijiet li hadu l-partijiet imsemmija bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u cioe` iz-zmien li ghalih jirriferixxi t-Tribunal. Jirrizulta illi Dennis Busuttil kien ha tnejn pero` ha demotion ukoll u allura biex nghid hekk zdied wahda. Yvonne Azzopardi, Mario Pullicino, George Cardona Schranz u Henry Mifsud hadu promozzjoni wahda. Maurice Abela, Joseph Muscat, Pio Vella,Tonio Paris,

Joseph Formosa, Paul Bonnici Mallia hadu tnejn waqt li Raymond Lanzon ma ha xejn ghal skopijiet ta' dan il-paragrafu fi promozzjoni qieghedha tigi inkluza upgrading kawza tal-collective agreement.

Meta wiehed iqis l-istampa kollha ta' kwalifiki u seniority (u sa dan il-punt qieghed ihalli barra l-elementi merit, aptitude u experience) jirrizulta li persuni anqas kwalifikati akademikament minnha li dahlu maghha jew warajha hemm tnejn biss u cioe` Piju Vella u Henry Mifsud. Dwar Henry Mifsud jinghad li fil-perjodu in kwistjoni bhar-rikorrenti ha promozzjoni wahda biss u ghalhekk mhux il-kaz li l-ilment tar-rikorrent jista' jkun gustifikat fil-konfront tieghu. Jibqa' biss ghalhekk li wiehed jezamina l-kaz ta' Pio Vella. Ma jidhirx li Pio Vella huwa aktar kwalifikat akademikament mir-rikorrenti u jirrizulta li dahal fl-istess data bhar-rikorrenti. Dana fil-fatt fiz-zmien rilevanti ha zewg promozzjonijiet u f' Mejju 1995 kien jokkupa l-kariga ta' Manager III waqt li r-rikorrenti dik ta' Manager II. Izda fl-1 ta' Jannar 1996 (ghalkemm hawnhekk qbizna d-data rilevanti, izda dan jista' jwassal ghal evalwazzjoni flimkien ma' fatturi ohra dwar jekk tali persuna kenitx qieghedha tigi favorita) it-tnejn li huma kienu jokkupaw il-grad ta' Manager A bhala rizultat tal-collective agreement. Dan ifisser li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar promozzjonijiet aktar accellerati ingustifikati ta' nies ohra fil-perjodu relevanti mhux ippruvat. Issa wkoll it-Tribunal kellu quddiemu l-appraisal reports tajba tar-rikorrenti izda ma kellux l-appraisal reports ta' l-ohrajn senjatament ta' Piju Vella u Henry Mifsud. Ukoll l-elementi ta' experience, merit u aptitude li fil-fehma tat-Tribunal huma sekondarji f' livelli inferjuri izda li jibdew jassumu toni aktar importanti aktar ma joghla l-livell, ma gewx evelwati u ma jistghux jigu f' dan il-kaz mit-Tribunal ghax anqas biss it-Tribunal jaf min huma Pio Vella u Henry Mifsud u certament ma jistax jaghmel evalwazzjoni li dawn huma ahjar jew aghar mir-rikorrenti.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-Bank intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.